MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 485/2006

**Auto Sales Limited (C491)**

**Vs**

**Oliver Osthus**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta` attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` mitejn u tnejn u sebghin lira Maltin (Lm272) rapprezentanti bilanc ta` prezz wara xoghol ta` servizzi li nghataw lilu fuq il-vettura Mercedes bin-numru ta` registrazzjoni 6729BNG. Is-socjeta` attrici titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-istess somma bl-imghax mid-data li nghata s-servizz bl-ispejjez inkluzi dawk ta` Ittra Ufficjali tal-21 ta` Frar, 2006 u ta` Mandat ta` Qbid u tal-prezenti. Il-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb li t-talba attrici ghandha tigi respinta peress illi l-ammont mitlub minnha huwa wiehed esagerat u ghalhekk m'huwiex dovut.

Sema` x-xhieda ta` Marcel Hubbers, Richard Bonnici Kind u tal-konvenut.

Sema` t-trattazzjoni ta` Dr Philip Manduca ghas-socjeta` attrici u ta` Dr Paul Farrugia ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenut kellu l-pussess f'idejh tal-vettura Mercedes imsemmija fl-Avviz u kien gie nkarigat minn sidha biex jehodha Spanja izda qabel m'ghamel hekk ried jaghti *service* lill-vettura u ghalhekk ha l-vettura lis-socjeta` attrici sabiex isir *general service* u talabhom biex jaghmlu x-xoghlijiet fuq lista ta` *minor items* li huwa elenka.

Is-servizz inghata u nbiddlu diversi *parts* u hareg kont fl-ammont ta` hames mija u hamsa u sebghin lira Maltin u tmien centezmi (Lm575.08c) ghall-*parts* u mitejn u tnejn u sebghin lira Maltin (Lm272) bhala *labour*. Il-konvenut hass li dan il-kont kien esagerat u qamet kwistjoni tant li s-socjeta` attrici rrifjutat li tirrilaxxja l-vettura. Eventwalment accetta li jhallas biss tal-*parts* u baqa` jikkontesta l-*labour*. Il-vettura giet rilaxxjata mal-hlas tal-parts.

M'huwiex kontestat bejn il-partijiet li fil-fatt is-servizz mitlub mill-konvenut inghata u li x-xoghol attwalment sar. Il-konvenut xehed ukoll illi huwa kien sorpriz bil-kont u xtaq illi jigi pre-avzat qabel mas-socjeta` attrici tinkorri l-ispiza fuq imsemmija.

It-Tribunal pero` jidhirlu illi galadarba s-servizz inghata u l-*parts* inbiddlu, s-socjeta` attrici ghandha d-dritt li tigi debitament kompensata. Jidhirlu wkoll illi l-eccezzjonijiet imressqa mill-konvenut m'humiex sodisfacenti u m'huwiex bizzejjed li wiehed kemm semplicement jghid illi huwa kellu Mercedes ghal numru ta` snin u jaf kemm ikun normali l-kont ghas-*servicing* tieghu f'pajjizi differenti.

Fil-kaz odjern is-socjeta` attrici esebiet dokumentazzjoni in sostenn tal-pretensjonijiet taghha w anki xehed Marcel Hubbers li fiz-zmien in kwistjoni kien is-*Servicing Manager* u dan ikkonferma illi l-kont inhadem fuq bazi *standard* fis-sens illi huma ghandhom skeda ta` meta jsiru certu tip ta` xoghlijiet u l-kont tal-*labour* jinhadem abbazi ta` din l-iskeda. Skeda tista` tkun biss indikazzjoni generali ta` kemm bicca xoghol tista` tiehu zmien. Xi kultant anki l-iktar haga semplici tista` tiehu ferm aktar zmien daqs kemm l-iktar haga komplikata xi drabi ssolvi ruhha fi zmien iqsar.

B'danakollu ma gew prodotti l-ebda provi li jistghu jxejnu l-affermazzjoni guramentata ta` Marcel Hubbers u ghalhekk ghandha titqies bhala wahda pruvata, u ghalhekk it-Tribunal ihoss illi mhux talli l-konvenut ma ppruvax l-eccezzjonijiet tieghu talli s-socjeta` attrici ppruvat li l-ammont mitlub huwa dovut u ragunevoli.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` mitejn u tnejn u sebghin lira Maltin (Lm272) bl-ispejjez kif mitluba. L-interessi jibdew jiddekorru mis-26 ta` Mejju, 2006 cjoe` d-data tal-prezentata ta` l-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------